SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 12**

**L-ERBGĦA 30 TA' JANNAR 2013 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00 PM.**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |

Il-Kunsillieri R.Rossignaud, A. Chetcuti, C. Said kienu skużati minħabba raġunijiet ta' mard.

Minħabba li xi Kunsillieri ma waslux fil-ħin għal din il-laqgħa, il-laqgħa bdiet fil-5.20pm.

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il- Minuti tas-Seduti Nru. 11 ġew approvati kif emendati. Is-Sindku N. Muscat ppropona u l-Kunsillier M. Fava ssekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier staqsa jekk sarux xi żvilluppi fid- disinji li kellhom isiru fil-parti t'isfel ta' Triq il-Qasam. Is-Sindku nforma li x-xogħlijiet ta' kosruzzjoni bit-tarmak f' din it-triq dalwaqt se jibdew u għaldaqstant l-olterazzjonijiet rikjesti f' din il-parti tat-triq ser isiru max-xogħlijiet l-oħra. Is-Sindku nforma wkoll li kellu kuntatt mal-Perit tal-Kunsill dwar l-embelishment u t-tibdil fid-disinn tat-triq fil-parti ta' fejn hemm il-ħwienet. Meta dawn jkunu lesti ser jiġu ppreżentanti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

2. Il-Kunsillier staqsa wkoll jekk bediex ix-xogħol ta' l-iskema tar-Residents Parking. Il-Kunsillier nforma li jekk ix-xogħlijiet ta' preparazzjoni ser jkunu problema minħabba l-ħinijiet li din tirrkjedi, allura l-Kunsill għandu jikkonsidra li jikkomunika ma' kumpanja privata u b' hekk jiġi evitat iktar dewmien. Wara diskuzzjoni, is-Sindku nforma li se jikkomunika mas-Sindku tal-Pieta għal xi gwidi peress li dan diġa' intoruduċa din is-sistema fil-lokalita' tiegħu.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is- Sindku ppreżenta rapport iddetaljat dwar il-ħidma tiegħu mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Dan ser jkun aness ma' dawn il-Minuti – Appendici A.

2. Is-Sindku nforma wkoll li fil-lokalita' ġiet introdotta Mobile Post Office. Din qed topera kull nhar ta' Ġimgħa mis-7.30am sa 9.30am mill-pjazza, ftit l'isfel mill-Knisja Parrokjali ta' l-Ibraġġ.

3. Il-Kunsill ġie nfurmat li saret offerta' ta' *seating* ħdejn il-*Bus-Shelters*. Saru kuntatti mal-kuntrattur u dan għamel żjara fil-lokalita. Ġew iddentifikati erbgħa postjiet fejn dawn jistgħu jiġu nstallati. Huwa nforma li l-ispejjeż ta' manutenzzjoni ta' dawn seats se jkunu fir-responsabilta' tiegħu. Il-Kunsill staqsa sabiex qabel ma dawn jiġu nstallati issir xi forma ta' kuntratt.

4. Is-Sindku staqsa dwar meta ser jibdew jiġu nstallati d-doggy bins. Is- Segretraju Eżekuttiv informa li inxtraw għaxra u dalwaqt se jiġu nstallati fil-postijiet li kienu ġew identifikati.

5. Is-Sindku nforma li l-offerta' ta' l-apparat ta' l-Out door gym ġiet ippublikata u se tagħlaq fil-5 ta' Frar 2013. Dwar dawn ix-xogħlijiet, il-Kunsill qabel unanimament li jsir avviż li jindika x' jikkonsistu dawn x-xogħlijiet. Dawn l-avviżi jitqassmu lir-residenti tal-madwar. Il-Viċi Sindku ħa l-inkarigu li jipprepara dan l-avviż.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier irrefera għall-ittra minn konsulent tat-Transport Malta sabiex jinqalgħu t-tabelli li twaħħlu fit-toroq tal-Madliena minħabba l-ġiri bla rażan ta' żwiemel kmieni filgħodu. Hu nforma li ma jara xejn ħażin b'dawn it-tabelli, dawn saru biss biex jiġbdu l-attenzjoni tas-Sidien taż-żwiemel sabiex jużaw it-toroq bil-galbu u mhux b'ċertu veloċita'. Huwa qal li l-ittra għandha tiġi minn uffiċċjal tat-Transport Malta u mhux minn rapreżentant. Il-Kunsillier M. Abela nfurmat li dwar din il-materja, hi diġa' kellha kuntatti ma' uffiċċjal mit-Transport Malta. Dan wiegħed li se jipprova jirrevedi din id-deċiżjoni.

2. Il-Kunsillier staqsa wkoll dwar jekk waslitx xi risposta għall-ittra li kienet intbagħtet lit-Transport Malta għal double yellow lines quddiem l-entratura ta' garaxx fi Triq il-Kwarta . Is- Segretraju Eżekuttiv wieġeb li din l-ittra li għad ma waslet l-ebda risposta.

3. Il-Kunsillier staqsa biex it-Transport Malta jiġu nfurmati b' KEEP CLEAR quddiem blokka ta' appartamenti fi Triq il-Għajn. Il-Kunsill ġie nfurmat li din qed tiġi mblokkata mir-residenti stess li joqgħodu f' din il-blokka.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikompli**

Mill-Kunsillier P. Fenech

1. Il-Kunsillier staqsa jekk kienux saru xi kuntatti mal-Kuntrattur privat għall-istimi tal-bini tal-proġett fi Triq il-Keffa. Il-Kunsillier ġie nfurmat li kienet saret laqgħa fil-Kunsill mal-Periti responsabbi minn dan il-proġett. F' din il-laqgħa ġie infurmat li l-istimi li ġew mogħdija lill-Kunsill, huma kollha reali u gejjin minn Kuntratturi li diġa' bdew ix-xogħlijiet u li dawn huma komessi li jlestu l-proġett. Is-Sindku nforma li dan il-Kunsill jista' jħallas biss il-kera li qed titħallas fil-preżent li hi €8,106.20.

2. Il-Kunsillier irrefera għall-periklu fil-wiċċ ta' Triq il-Marbat. Il-Kunsillier M. Fava rrimirka li din it-triq minn dejjem kienet diżastru u fil-fehma tiegħu kellha bżonn issirla rikostruzzjoni minn qabel Triq il-Qasam. Huwa ssostna li huwa ferm importanti li nibdew sistema ta' prijoritajiet. Il-Kunsillier P. Fenech ssuġerixxa li fil-laqgħa li jmiss, jiġi diskuss fid-dettal il-ħsarat f' liema toroq fil-lokalita tagħna.

3. Il-Kunsillier P. Fenech irrefera għall-applikazzjonijiet mill-MEPA ta'permessi għall-oalterazzjonijiet li kellhom jsiru fil-Ġnien ta' Triq il-Ħemmel. Is-Segretraju Eżekuttiv informa li riċentament, huwa għamel kuntatti mal-Perit tal-Kunsill fejn ġie nfurmat li l-applikazzjoni ġiet approvata u li dalwaqt ser jiġi nfurmat il-Kunsill b' din id-deċiżjoni.

Mill-Kunsillier M.Abela

1. Il-Kunsill ġie nfurmat li twaħħlu it-tabelli fil-Madliena biex jindikaw id-direzzjoni tal-Forti; il' quddiem se jitwaħħlu wkoll tabelli bl-istorja ta' l-istess Forti.

2. Il-Kunsillier infurmat dwar il-ħajt imġarraf quddiem il-propjeta' ta' Busietta Gardens fil-Madliena. Hi nfurmat li dawn il-ħsarat qed jkunu ferm ta' periklu għal dawk kollha li jiffrekwentaw din it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa diġa' kien kiteb u anke bgħat ritratti lill Awtoritajiet ikkonċernati.

3. Hija rreferiet għall-Proġett Pilota ta' kostruzzjoni bi tarmak fit-toroq tal-Madliena. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kuntrattur Silos Joint Venture irċieva ittra reġistrata bil-proposti li ntbagħtu mill-Kunsill. Il-Kunsillier spejgat li l-Kuntrattur lest biex ikompli x-xogħlijiet kollha pero' qabel irid jitħallas tax-xogħlijiet li diġa saru. Il-Kunsillier M. Fava ma qabilx ma' din il-proposta tal-Kuntrattur u għalhekk staqsa sabiex issir laqgħa malajr mal-Kuntrattur ħalli jiġi stabilit dan x'qed jitlob. Huwa ssuġerixxa wkoll li wara ssir laqgħa oħra bejn rappreżentant tal-Kunsill u l-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikompli**

<u>Mill-Kunsillier A. Curmi</u>

1. Il-Kunsillier ppreżenta rapport dettaljat ta' rikjesti u xogħlijiet. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti –Appendiċi B

2. Huwa staqsa sabiex jitwaħħlu cat eyes biex jindikaw ħajt tas-sejjiegħ fil-parti ta' fuq ta' Triq is-Swieqi kif ukoll fl-entratura ta' Triq il-Marbat.

3. Il-Kunsill ġie nfurmat li għal darb oħra l-avviz ta' din il-laqgħa reġa' ma ġiex ippublikat fuq il-ġurnali.

4. Il-Kunsillier rrimarka li huwa ferm importanti li l-iskeda tal-pagamenti tintbagħat lill-Kunsillieri ġimgħa qabel ma ssir il-laqgħa b'hekk kull kont jkun jista' jiġi ċċekjat bir-reqqa.

<u>Mill- Viċi Sindku- Dr. J. Fenech</u>

1. Il-Kunsill ġie nfurmat li d-disinji tal-Personel Business Cards tlestew pero' kellhom jergħu jsiru peress li d-Dipartimet għall-Gvern Lokali għamel xi olterazzjoniiet fl-isem tal-lokalita'.
2. Il-Kunsillier informa dwar il-ħsarat fil-*mains* ta' l-ilma fi Triq F. X. Ebejer. Dawn il-ħsarat ġew irrapurtati is-Sibt pero' it-tiswija mill-ħaddiema tal-WSC saret it-Tlieta ( 3 ijiem wara li sar ir-rapport). Huwa nforma wkoll li r-reinstatement ma sarx kif titlob is-sengħa u għaldaqstant dawn kellhom jerġgħu jiġu jsewwuwhom ( xogħol doppju). Il-Kunsill talab biex dan l-aġir jiġi rrapurtat minnufih lill-uffiċċjal tal-WSC ( Sur Joe Gregoraci – Area Manager ).
3. Il-Viċi Sindku informa li l-applikazzjoni għal fondi tal-kotba għal librerija ġiet aċċetatta mid-Dipartiment. Huwa nforma li ser ssir laqgħa bejnu u bejn il-Kunsillier P. Fenech sabiex jiġu diskussi x'kotba se jinxtraw. F' din il-laqgħa se jiġu diskussi ukoll l- IT Courses u tagħlim tal-lingwi forsthom dik Maltija.
4. Il-Viċi Sindku irrakomanda li kull 3 xhur tiġi ppublikata newsletter bi nformazzjoni ta' ħidmiet li għamel il-Kunsill. Huwa ppropona li l-Bord Editorjali jkun kompost ukoll minn xi residenti. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.
5. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li se jiġi ppublikat fuljett bit-tema ta' ´Żomm is-Swieqi nadif '. Dan il-fuljett se jitqassam tlett darbiet, it-tlieta b'tema differenti; l-ewwel wieħed li se jitqassam ikun bi tema ta' " Ħobb il-kelb tiegħek, irrispetta l-ġirien! " Il-Kunsill unanimament qabel ma' din it-tema.

Il-Kunsillier P.Fenech talab biex jiġi skużat. Il-ħin kien it-20:10.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikompli

Mill- Viċi Sindku- Dr. J. Fenech – ikompli

6. Il-Viċi Sindku ssuġerixxa li għandu jsir *Survey* professjonali minn kumpanija privata. Dan is-Survey għandu jkun jinvolvi telefonati lir-residenti b'mistoqsijiet ta' kif jħossuhom dwar is-sigurta' fil-lokalita, kif ukoll x'jipproponu għall-sigurta' aħjar. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta'. Il-Viċi Sindku ħa l-inkarigu li jibda' jaħdem fuq din il-proġett.

## V APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

1. Il-Pagamenti kollha li kienu mniżżla fuq l-iskeda nru. 57 ġew approvati.

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETRAJU EŻEKUTTIV

1. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li se ssir laqgħa ma' l-Avukat tal-Kunsill sabiex niddiskutu u jgħati parir legali dwar ill-Proġett Pilot ta' kostruzzjoni bit-tarmak tat-toroq tal-Madliena.

2. Is- Segretraju Eżekuttiv nforma li l-offerta' tal-Knis u l-Qtugħ tal-ħaxix waslet biex tiskadi. Il-Kunsill talab sabiex issir sejħa ġdida għal din l-offerta.

3. Is- Segretraju Eżekuttiv għan-nom ta' l-iskrivani rrigrazzja lill-Kunsillieri kollha għall-Performance Bonus li huma għoġobhom japprovaw.

4. Huwa nforma li l-outstanding vacation leave li ser jiġi mġedded għas-sena 2013 huwa ta' 11-il ġurnata fil-waqt li sick leave li ittieħed matul is-sena kien ta' 5 t'ijiem. Is- Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-Leave Chart idettaljata.

Il-laqgħa spiċċat fid-20:45 u sar aġġornament għal nhar l-Erbgħa 27 ta' Frar 2013 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**